MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 49/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Renald Saviour Frank Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Renald Saviour Frank Pisani talli fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) b'eghmil zieni kkorrompa lil Janice Tabone minuri ta' tnax-il sena;

(2) ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri Janice Tabone;

(3) ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess minuri Janice Tabone.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija minuri Janie Tabone u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi Renald Saviour Frank Pisani, wara li rat l-artioli 203 u 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdet lill-istess Renald Saviour Frank Pisani taht ordni ta' supervizjoni ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta dik il-Qorti ordnat ukoll il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Janice Tabone ghal zmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali prezentat fl-24 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-appellat tat-tliet imputazzjonijiet migjuba kontrih filwaqt li thassar u tirrevokaha fil-bqija billi timponi piena aktar harxa u adegwata in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u dan skond il-ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta’ l-Avukat Generali mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Skond l-appellant, il-piena nflitta ma tirriflettix il-gravita` tar-reati addebitati kontra l-appellat, specjalment meta wiehed iqis l-ammissjoni tieghu *in toto* u inkondizzjonata. L-appellant jghid illi, filwaqt li l-ewwel Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta’ l-appellat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-fatt li ddispjacieh tal-akkadut, dik il-Qorti ma qisitx in-natura gravissima tar-reati, il-fatt li l-minuri kellha tnax-il sena u l-*modus operandi* ta’ l-appellat. Skond l-appellant, il-fatt li bniedem jiddispjacih ta’ dak li jkun ghamel ma jnaqqasx mill-fatt li l-hsara tkun saret u lanqas ma jfisser li tali agir mhuwiex se jirrepeti ruhu ma’ persuni ohra. L-appellant jghid li hawn sehh kaz ta’ “grooming”. Ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li l-vittma ta’ dan il-kaz tat il-kunsens taghha u kienet volontarjament kopartecipi fl-attivitajiet li sehhew bejnha u l-appellat, huwa l-“grooming” li jwassal biex il-vittma taghti l-kunsens taghha peress illi tkun inholqot relazzjoni ta’ fiducja bejn il-vittma u l-aggressur. L-appellant ma jqisx verosimili dak li qal l-appellat li kienet il-vittma li pprovokatu sabiex jiltaqa’ maghha u li wara l-ewwel laqgha kienet tiffittah sabiex jergghu jiltaqghu u bdiet anke theddu li se tirrapportah u ggibu fl-inkwiet jekk ma jiltaqax maghha – dan minhabba l-eta` ta’ l-appellat li kellu jirrejalizza li kienet izghar mnn hmistax-il sena meta ltaqa’ maghha l-ewwel darba izda xorta baqa’ jiltaqa’ maghha.

L-ewwelnett jigi hawn ribadit li in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas, jew fil-kaz ta’ appell mill-Avukat Generali, aktar jew differenti, minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta’ Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Il-piena applikabbli f’dan il-kaz hi dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, skond l-artikolu 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kif ammess mill-appellat quddiem l-ewwel Qorti, bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ghall-fini tal-piena, u dan stante l-konkors ideali jew formali ezistenti bejn it-tliet reati imputati lill-appellat. Stante mbaghad l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena titla’ ghal prigunerija ta’ mhux aktar minn erba’ snin. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellat ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn izda sospizi ghal perijodu ta’ erba snin. Jigifieri l-piena ta sentejn prigunerija taqa’ fil-parametri tal-ligi. Barra minn hekk l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 mill-ewwel Qorti, stante li mhix prekluza mil-ligi, hi alternattiva legali u legittima. Difatti l-Avukat Generali mhuwiex qieghed jghid li ma setghetx tigi applikata sentenza sospiza ta’ prigunerija f’dan il-kaz izda li ma kellhiex tigi applikata.

Huwa rilevanti li hawn issir referenza ghal xi brani mis-sentenza **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-13 ta’ Novembru 2009:

**“7. Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta’ prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta’ prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta’ appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F’dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta’ prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn prigunerija indikat fl-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b’kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f’dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni.**

**"8. Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Wood* din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[2], kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[3]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[4], li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u**

---

[2] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

[3] Il-Pulizija v. Joseph Said App. Krim. 26/11/1992.

[4] 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[5] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing[6] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux necessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).**

**"9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun**

[5] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.
[6] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

**twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra."**

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kkunsidrat l-ammissjon bikrija ta' l-appellat, il-fatt li kkoopera mal-Pulizija u l-fatt li ddispjacieh mill-akkadut. Din il-Qorti ezaminat l-istqarrijiet ta' l-appellat u, frankament, ma ssib l-ebda raguni biex ma temminx li kien hemm xi "provokazzjoni" da parti tal-vittma stess u anke li, wara li r-relazzjoni hadet l-izvolta li hadet b'atti intimi, l-appellat ipprova jittronka dik ir-relazzjoni izda l-vittma bdiet theddu li se tirrapportah lill-Pulizija. Dan ma jiggustifikax il-fatt li l-appellat beda relazzjoni mal-vittma meta kien jaf li hija taht l-eta`, u huwa ghalhekk illi piena ta' prigunerija hi gustifikata fic-cirkostanzi. Izda l-piena m'ghandhiex biss skop retributtiv jew deterrent. Il-piena ghandha wkoll skop riformattiv jew rijabilitattiv biex jigi assigurat li persuna ma tergax tikkommetti reat iehor.

Issa, l-ewwel Qorti ma ssospendietx is-sentenza ta' prigunerija biss izda ghamlet ukoll ordni ta' supervizjoni sabiex l-appellat ikun taht supervizjoni ghall-perijodu operattiv kollu. Fil-fatt xehdet quddiem din il-Qorti Antonella Spagnol li giet nominata biex tkun is-*supervising officer* ta' l-appellat. Hija xehdet[7] li matul it-tmien xhur li kienet ilha ssegwi lill-appellat, huwa attenda ghall-appuntamenti kollha moghtija lilu, qieghed f'relazzjoni stabbli ma' adulta, u kien ilu tliet xhur jiehu hsieb it-tmexxija ta' ristorant. Minhabba n-natura tal-kaz, hija ssuggeriet lill-appellat li jsirlu *assessment* psikologiku. Huwa accetta u kkoopera u fil-fatt sarlu tali *assessment* mill-psikologa Roberta Holland.

---

[7] Fis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2009 quddiem din il-Qorti.

Roberta Holland xehdet quddiem din il-Qorti u pprezentat ir-rapport taghha. Mir-rapport taghha, kif anke spjegat minnha waqt ix-xiehda taghha, jirrizulta dan li gej: "L-ebda aspett mill-hajja, personalita` u funzjoni ta' l-akkuzat ma indikat li hemm lok ghal thassib. Ma jidhrix li ghadda minn esperjenzi sesswali devjanti u abbuzivi. Kapaci jkollu attrazzjoni, interessi, imgieba sesswali u relazzjonijiet ma' persuni ta' mparu b'mod adekwat. Huwa jiffunzjona tajjeb kemm fil-qasam personali, intellettwali, emozzjonali, socjali u interpersonali....jidher li ghadda minn esperjenzi difficli f'hajtu u cirkostanzi li jistghu jitqiesu bhala kriminogenici. Ma' danakollu, jidher li huwa rnexxielu jeghleb dawn id-diffikultajiet, jottjeni struttura u stabilita` sodisfacenti f'hajtu u li jiffunzjona b'mod adekwat.... Rigward imgieba sesswali, ma jidhirx li hemm tendenzi ta' attrazzjoni, hsibijiet jew xewqat li jistghu jitqiesu bhala devjanti fil-funzjoni sesswali tas-Sur Pisani u l-anqas tendenzi pedofeli." Roberta Holland tghid illi, minghajr ma tiggustifika l-agir tieghu, dak iz-zmien kienet mietet in-nanna tieghu li kien jirreferi ghaliha bhala ommu peress illi kien hemm *rejection* mill-genituri tieghu. "Ghalhekk kien zmien li fih kien emozzjonalment instabbli ghax sofra telfa ricenti u solitudni estrema (*recent loss* and *extreme solitude*). Huwa kien f'sitwazzjoni ta' vulnerabilita` emozzjonali u seta' kien imxekkel fid-decizjonijiet emozzjonali li ghamel f'dak il-perijodu.... Jidher ukoll li din l-imgieba kienet kaz izolat u sehhet fuq perijodu ta' inqas minn ftit gimghat. Ghal dawn ir-ragunijiet, huwa difficli hafna li ssir djanjosi ta' pedofelija jew li wiehed jghid li s-Sur Pisani jhaddan attrazzjoni sesswali lejn persuni ta' taht l-eta`. L-istorja personali, storja ta' mgieba u tendenzi sesswali, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz jindikaw li r-riskju li huwa jikkommetti reat iehor ta' dan it-tip huwa baxx." U meta kienet qed tixhed in kontro-ezami, ix-xhud qalet li "l-*likelihood* li jaghmel reat ta' dan it-tip huwa l-istess bhal ta' kulhadd ghax ma kinux rizultat ta' xi problemi fil-personalita`."

Irid jinghad illi din il-Qorti ppruvat tottjeni informazzjoni dwar il-kondizzjoni u s-sitwazzjoni tal-vittma wkoll. Ghalhekk semghet ix-xiehda ta' Fabienne Mizzi, *social*

*worker* li tahdem ma' l-Agenzija Appogg. Hija qalet li ltaqghet darba biss mal-vittma u rrakkomandat lil missier il-vittma li tkun riferuta lill-psikologa Dr. Roberta Attard. Mill-istess Dr. Roberta Attard, pero`, irrizulta li hija qatt ma tat ghajnuna psikologika lill-vittma. Dan ifisser li l-genituri tal-vittma qatt ma haduha ghand Dr. Attard.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li m'hemm l-ebda raguni li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta ddecidiet li timponi sentenza ta' sentejn prigunerija, li tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza ghal erba' snin u li taghmel ordni ta' supervizjoni ghall-istess perijodu operattiv ta' erba' snin, mehud in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li hija anke ghamlet ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittma. Pero` qed tidderigi lill-ufficjal sorveljanti sabiex: (1) tqis l-ordni ta' supervizjoni bhala wiehed intensiv, (2) jekk ghadha ma ghamlitx dan, tistabilixxi kuntatt mal-persuna adulta li maghha l-appellat ghandu relazzjoni, (3) issegwi l-andament ta' l-appellat fuq il-post tax-xoghol, u (4) tibqa' tirreferi lill-appellat minn zmien ghal zmien ghal konsultazzjoni psikologika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu operattiv ta' erba' snin tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum u li l-perijodu ta' tliet snin li ghandu jibqa' fis-sehh l-ordni ta' protezzjoni jibda jiddekorri wkoll millum. Tordna li kopja ta' din is-sentenzxa tigi notifikata lill-ufficjal sorveljanti Antonella Spagnol.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------